

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: inizjalment A. Pohlmann, sussegwentement D. Walicka, aġġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral: Ferrero SpA (Alba, l-Italja) (rappreżentanti: F. Jacobacci u L. Ghedina, avukati)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-20 ta' Ottubru 2010 (Każ R 815/2009-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Ferrero SpA u Harald Wohlfahrt.

### Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Harald Wohlfahrt huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 63, 26.2.2011.

### Sentenza tal-Qorti Ġeneral tal-15 ta' Mejju 2012 — Nijs vs Il-Qorti tal-Awdituri

(Kawża T-184/11 P) (<sup>1</sup>)

*("Appell — Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Miżuri dixxiplinari — Proċeduri dixxiplinari — Revoka filwaqt li jinżammu d-drittijiet għal pensjoni ta' rtirar — Artikoli 22a u 22b tar-Regolamenti — Rekwiżit ta' preċiżjoni tal-appell — Aggravju ġdid — Protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali — Nuqqas ta' obbligu li jiġi rrilevat ex officio aggravju bbażat fuq ksur ta' terminu raġonevoli")*

(2012/C 194/32)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Appellant: Bart Nijs (Bereldange, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: F. Rollinger u P.-F. Onimus, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea (T. Kennedy, J. Vermer et K. Zavřelová, aġġenti)

### Suġġett

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla), tat-13 ta' Jannar 2011, Nijs vs Il-Qorti tal-Awdituri (F-77/09, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabro), u intiża sabiex tannulla din is-sentenza.

### Dispożittiv

- (1) L-appell huwa miċħud.
- (2) Bart Nijs għandu jbatisse l-ispejjeż tiegħi stess kif ukoll dawk sostnuti mill-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea fil-kuntest ta' din l-istanza.

(<sup>1</sup>) ĠU C 179, 18.6.2011.

### Sentenza tal-Qorti Ġeneral tal-15 ta' Mejju 2012 — Ewald vs UASI — Kin Cosmetics (Keen)

(Kawża T-280/11) (<sup>1</sup>)

*("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Keen — Trade mark Komunitarja figurattiva KIN — Raġuni relativa għal rifut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebħ tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")*

(2012/C 194/33)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: Rita Ewald (Frauenwald, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. Reinhardt, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġġent)

Partijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral: Kin Cosmetics, SA (Sant Feliu de Guixols, Spanja)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-3 ta' Marzu 2011 (Każ R 1383/2010-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Kin Cosmetics, SA u Rita Ewald.

### Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.

- (2) Rita Ewald hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 238, 13.8.2011.

### Rikors ippreżentat fit-30 ta' Marzu 2012 — Comsa vs UASI — COMSA (COMSA)

(Kawża T-144/12)

(2012/C 194/34)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

### Partijiet

Rikorrenti: Comsa, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: M. Aznar Alonso, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Constructora de obras municipales, SA (COMSA) (Madrid, Spanja)

## Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralı jogħġobha:

- tilqa' r-rikors u tiddikjara n-nuqqas ta' konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, dwar it-trade mark Komunitarja (li issa sar ir-Regolament (KE) Nru 207/2009) tal-punti 2, 3 u 5 tad-deċiżjoni tal-10 ta' Jannar 2012 mogħtija mit-Tieni Bord tal-Appell fil-Każijiet magħquda R 518/2011-2 u R 795/2011-2;
- tordna lill-konvenut, u jekk ikun il-każ, lill-intervenjenti, iħallas l-ispejjeż kollha tal-proċeduri.

## Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Constructora de obras municipales, SA (COMSA)

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali "COMSA" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 19, 35, 36, 37, 39 u 42 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 7 091 051

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* ir-rikorrenti

*Trade mark jew sinjal invokat:* l-isem ta' kumpannija (isem kummerċjali) "COMSA S.A." u t-trade mark mhux irregestrata "COMSA"

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni milqugħa parżjalment

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell tar-rikorrenti u tal-konvenut milqugħa parżjalment

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 207/2009

## Rikors ippreżentat fit-2 ta' April 2012 — Investrónica vs UASI — Olympus Imaging (MICRO)

(Kawża T-149/12)

(2012/C 194/35)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

## Partijiet

Rikorrenti: Investrónica, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: E. Seijo Veiguela u J. L. Rivas Zurdo, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Olympus Imaging Corp. (Tokyo, il-Ġappun)

## Talbiet tar-rikorrenti

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralı jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-31 ta' Jannar 2012, fil-Każ R 347/2011-4, li tiddikkjara li skont l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja, l-appell tar-rikorrenti quddiem l-UASI kellu jiġi miċħud u d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni li tħiġi kompletament it-trade mark Komunitarja Nru 7 014 392 "MICRO" (mħallta) kellha tiġi kkonfermata;
- tikkundanna għall-ispejjeż il-parti jew partijiet li jopponu dan ir-rikors.

## Motivi u argumenti prinċipali

Applikanti għat-trade mark Komunitarja: Olympus Imaging Corporation

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* trade mark figurattiva "MICRO" bl-abjad u l-iswed għal prodotti fil-klassi 9 (Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 7 014 392)

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* ir-rikorrenti

*Trade mark jew sinjal invokat:* it-trade mark Spanjola figurattiva "micro" bil-blu ċar u blu skur għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 38 u 42 (Trade mark Nru 2736947)

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni milqugħa u applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark mitluba miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell milqugħ u deċiżjoni ta' ċaħda tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni annullata

Motivi invokati: Applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 peress li teżisti probabbiltà ta' konfużjoni bejn is-sinjal iinkwistjoni

## Rikors ippreżentat fl-4 ta' April 2012 — Pri vs UASI — Belgravia Investment Group (PRONOKAL)

(Kawża T-159/12)

(2012/C 194/36)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

## Partijiet

Rikorrenti: Pri SA (Clémency, il-Lussemburgo) (rappreżentanti: C. Marí Aguilar u F. J. Márquez Martín, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Belgravia Investment Group Ltd (Tortola, il-Gżejjjer Verġni Brittaniċi)